**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 2 ta' Novembru 2023**

**Rikors Numru 235/2019**

**Alexander Bellia u martu Dorianne**

**Vs**

**Dulcie Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturi ppreżentat fil-15 ta' Ottubru 2019 fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta tħallashom is-somma li tiġi likwidata minnha għad-danni kaġonati lilhom fid-dar tagħhom 111, Pawlu, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba meta l-istess konvenuta għamlet xogħol ta' kostruzzjoni/rikostruzzjoni fil-fond tagħha 103, La Lumiere, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba.

Rat ir-risposta tal-konvenuta ppreżentata fl-10 ta' Diċembru 2019 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Fl-ewwel lok, l-esponenti ħadet il-prekawzjonijiet kollha li kellha tieħu u x-xogħlijiet saru bil-massima diliġenza;*
2. *Fit-tieni lok, fir-rigward tad-danni mitluba, jingħad illi huwa kontestat illi r-rikorrenti sofrew danni li għalihom taħti l-intimata;*
3. *Fit-tielet lok, it-talbiet tar-rikorrenti huma mill-bqija infondati fil-fatt u fid-dritt.*

Semgħet ix-xhieda ;

Rat id-dokumenti esebiti ;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Marie Louise Caruana Galea ;

Semgħet l-eskussjoni tal-istess Perit ;

Rat l-atti kollha ;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi ;

Semgħet it-trattazzjoni ;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat :**

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jirreklamaw danni mingħand il-konvenuta wara li din wettqet xi xogħolijiet strutturali fil-fond tagħha.

Mill-provi jirriżulta illi r-residenzi tal-partijiet huma fl-istess triq, pero` ma humiex adjaċenti.

L-atturi ppreżentaw rapport tal-Perit Chris Grech li ġie nkarigat mill-konvenuta biex iħejji *condition report* li jinkludi fih lista ta' ħsarat sofferti mill-fond 107, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba.[1] Dan il-fond jiġi bejn iż-żewġ proprjetajiet tal-partijiet. Minn dan ir-rapport jirriżulta illi l-ħsarat riskontrati fl-imsemmi fond kienu jammontaw għal ħamest elef u disa' mitt ewro (€5900).

In vista tan-natura tekniku tal-mertu ta' din il-kawża, il-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku Marie Louise Caruana Galea sabiex taċċedi fil-fond in kwistjoni u tirrelata bil-miktub dwar il-konklużjonijiet tagħha.

Il-Perit Tekniku ppreżentat ir-rapport tagħha fil-25 ta' Mejju 2021 fejn wara li kkonstatat il-fatti, ikkonkludiet is-segwenti :

*L-esponenti tissottometti bir-rispett is-segwenti konklużjonijiet li jindirizzaw biss punti tekniċi li setgħet tasal għalihom minn dak*

[1] A fol. 20-56

*li rat matul l-aċċess u mill-informazzjoni/dokumentazzjoni tal-ispoll.*
*1. Illi l-ħsarat tar-rikorrenti huma limitati għas-segwenti:*
*• Tlett konsenturi fil-ġonot tal-planki tas-saqaf tas-semi-basement;*
*• Tikħil ta' konsenturi fil-ħajt indikat bħala 'AB' sew fil-pjan terran, fl-ewwel sular, u livell tal-washroom eskluż is-semibasement u l-master bedroom;*
*• Tibjid tal-ħitan kollha tad-dar ħlief tal-kmamar tal-banju, ensuite, larder, master bedroom, il-kamra tas-sodda ta' fuq il-faċċata lil hinn mill-ħajt indikat 'AB' u tas-semi-basement;*
*• Tiswijiet fil-'monolithic terrazzo flooring' taż-żewġ turġien sekondarji;*
*• Saqaf tal-open plan fil-pjan terran (tlibbisa tal-ġebel);*
*• Ventilatur imxaqqaq u fili miftuħin fil-ħajt ta' fuq il-fil imqabbad ma' ħajt 'AB'.*

*2. Illi l-ħsarat indikati f'para (1) supra huma kawża ta' vibrazzjoni eċċessiva fis-sit ta' skavar amplifikat bil-fatt li l-ħajt indikat bħala 'AB' f'Dok P5, huwa appoġġ komuni mal-proprjeta' adjaċenti fejn sar l-iskavar;*

*3. Illi l-esponenti tillikwida d-danni sofferti mill-attur għal valur ta'* ***€4,282.21 (Erbat elef, mitejn u tnejn u tmenin ewro u wieħedu għoxrin ċenteżmi) kif dettaljat f'Dok P1.***

*4. Illi x-xogħol biex jsir dak spjegat f'para (1) supra għandu jitlesta fi żmien xahar;*

*Daqstant għandha x'tirrelata l-esponenti għas-savju konsiderazzjoni ta' dina l-Qorti.*

In eskussjoni, l-Perit Caruana Galea eskludiet li l-ħsarat, jew aħjar *hairline cracks*, li kien hemm f'ambjenti li ma kinux imissu direttament mal-binja ta' bejn il-fondi tal-partijiet, setgħu kienu r-riżultat tax-xogħol li wettqet il-konvenuta. Fir-rigward tat-taraġ tal-mużajk ġewwa l-fond tal-atturi, l-Perit spjegat li dan jista' jiġi msewwi u ma kienx hemm għalfejn jinbidel kollu.

**Bridgit Buttigieg u Joseph Buttigieg** xehdu illi huma sofrew ħsarat fil-fond tagħhom 107, Osprey, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba meta l-konvenuta għamlet ix-xogħolijiet fis-sit tagħha. B'referenza għar-rapport tal-Perit Chris Grech

hija saħqet illi l-ħsarat kienu jammontaw għal iktar minn ħamest elef u disa' mitt ewro (€5900) għaliex ħarġu iktar ħsarat hekk kif bdew isiru x-xogħlijiet.

**Alexander Bellia** xehed illi hu u martu kienu ilhom joqogħdu fil-fond 111, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba mill-2003. Spjega li minħabba l-ħsarat li kkaġunat il-konvenuta huma kellhom jitilqu mid-dar u qed jgħixu f'fond alternattiv. Spjega li qabel il-konvenuta bdiet ix-xogħol huwa talabha biex il-Perit tagħha jagħmel *pre-condition report* pero` din qaltlu li jekk irid iċempillu hu. Fil-fatt hu hekk għamel pero` l-Perit tal-konvenuta infurmah li ma kellu ebda obbligu li jagħmel dan. Spjega li l-ħsara sofferta fil-fond tiegħu saret tista' tgħid f'ġurnata u din kienet dovuta għal *excavator* kbir li qatta' kollox f'ġurnata waħda, liema *excavator* laqat il-pedamenti tad-dar adjaċenti u għamel theżżiża bħal terremot. Spjega inoltre li ma nżammitx id-distanza rikjesta bil-liġi. Xehed li wara li sar l-iskavar, irriżultat ħsara f'iktar minn fond wieħed adjaċenti. Xehed illi l-ħsarat kaġonati fil-fond tiegħu jammontaw għal għoxrin elf ewro (€20,000).

L-atturi ppreżentaw rapport *ex parte* tal-Perit Marvin Ellul fejn hemm elenkati d-diversi difetti u ħsarat li l-atturi jallegaw huma dovuti għax-xogħol li għamlet il-konvenuta fil-proprjeta` tagħha. L-istess Perit stima l-ħsara sofferta mill-atturi fl-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf, mija u ħamsa u sebgħin ewro u disa' ċenteżmi (€24,175.09).

Il-konvenuta xehdet illi waqt li kienu qed isiru x-xogħolijet fil-proprjeta` tagħha kien hemm xi ħsarat fil-proprjeta` adjaċenti, liema ħsara ġiet imħallsa minnha. Spjegat li l-ħsara li sofriet il-binja adjaċenti kienet fl-appoġġ li hemm mal-binja tagħha. Xehdet illi l-proprjeta` tal-atturi tmiss mal-appoġġ li ma ġralu ebda ħsara tal-fond adjaċenti. Hija spjegat li jekk l-atturi sofrew xi ħsarat ikkawżati mix-xogħolijiet li għamlet, hija kienet lesta li tħallashom, pero` tħoss li l-ammont li qed jitolbu huwa wieħed esaġerat u ntiż biex isir *refurbishment* tad-dar tagħhom.

In kontro-eżami l-konvenuta xehdet illi jekk l-atturi sofrew xi ħsarat u jiġi ppruvat li dawn saru mill-iżvilupp li għamlet, hija kienet lesta li tħallas. Tenniet li din dejjem kienet il-posizzjoni tagħha.

Il-konvenuta ppreżentat żewġ kuntratti li saru mas-sidien tal-proprjetajiet adjaċenti fejn il-partijiet kollha qablu li jista' jsir skavar mingħajr ma tinżamm id-distanza stipulata bil-liġi b'dana illi jekk jiġu rekati xi danni, il-parti aggravata jkollha dritt issewwi a spejjeż ta' min għamel il-ħsara. Fil-fatt irriżulta li fil-proprjetajiet adjaċenti għal dik tal-konvenuta kien hemm ħsarat, liema ħsarat ġew saldati permezz ta' att pubbliku.

Il-Perit Stanley Cortis xehed illi fis-sit in kwistjoni kien sar skavar ta' xi żewġ metri u nofs u nbnew tliet sulari u *penthouse*. Spjega li qabel bdew ix-xogħol għamlu *condition reports* tal-fondi adjaċenti. Huwa kkonferma li qabel bdew ix-xogħlijiet ġie redatt ukoll *construction method statement* li jinsab esebit a fol. 273 tal-proċess. Mistoqsi jekk huwa rriskontrax xi danni fil-ħajt tal-fond numru 107, u ċioe` dak li jifred l-istess fond minn dak tal-atturi, il-Perit wieġeb li le. Mistoqsi mid-difensuri tal-atturi jekk meta jkun hemm it-tqattigħ tal-blat iċ-ċans illi r-raġġ ta' vibrazzjonijiet jikber, il-Perit spjega li l-pedamenti tal-*area* in kwistjoni huma franka pura li tista' tqatta' fiha normali u ma jkunx hemm vibrazzjonijiet jew perikolu għall-ġirien. Xehed ukoll illi l-attur kien ċempillu qabel inbeda x-xogħol biex jagħmel *condition report*. Huwa spjega li wara li kellem lill-Perit responsabbli mill-proġett dan infurmah li ma kellhomx għalfejn jagħmlu tali rapport ladarba l-liġi ma tesiġix li jsir tali rapport għal fondi li ma jmissux direttament mal-fond tal-konvenuta.

**Ikkunsidrat :**

Il-Qorti tirrileva illi attur li jallega li sofra danni minħabba għemil jew ommissjoni tal-konvenut, jeħtieġlu jipprova b'mod sodisfaċenti mhux biss l-għemil jew l-ommissjoni tal-konvenut u d-danni li huwa ġarrab; iżda illi d-danni huma konsegwenza tal-għemil jew ommissjoni tal-konvenut. In-ness bejn id-dannu soffert u l-għemil impunjat huwa kruċjali f'kawżi ta' din ix-xorta. Mankanti l-prova ta' dan in-ness l-azzjoni għad-danni akwiljani hija destinata li tfalli.

Il-Qorti tirrileva illi l-mertu ta' din il-kawża hija ta' natura teknika u kien għalhekk li ġiet nominata Perit Tekniku biex tirrelata dwar fatti tekniċi u jekk id-danni reklamati mill-atturi ġewx effettivament ikkawżati mix-xogħlijiet li għamlet il-konvenuta fil-proprjeta` tagħha.

Illi mir-rapport tekniku tal-Perit Tekniku Marie Louise Caruana Galea jirriżulta illi mhux id-danni kollha reklamati mill-atturi huma riżultat tal-proġett li wettqet il-konvenuta. Min-naħa l-oħra l-atturi ppreżentaw rapport *ex parte* fejn il-Perit Marvin Ellul, filwaqt li jelenka d-diversi ħsarat riskontrati fil-fond tal-atturi, ma jagħti ebda opinjoni dwar kif possibilment setgħu ġew ikkawżati l-istess ħsarat. Il-Qorti tosserva illi l-imsemmi Perit, fir-rapport tiegħu tat-18 ta' Novembru 2022 jgħid is-segwenti:

> *Jien, hawn taħt iffirmat Arkitett u Inġinier Ċivili erġajt ġejt imqabbad mis-Sinjuri Alex Bellia (566774M) u martu Dorianne Bellia (ID 510078M) li joqogħdu fl-indirizz imsemmi hawn fuq fl-Imqabba, sabiex nagħmel stima tad-danni li ġarrbet il-proprjetà tagħhom waqt xogħol ta' skavar li sar riċentament fi plot li jinsab madwar 6 metri 'l bogħod mill-istess proprjetà msemmija hawn fuq u dan wara li f'April ta' din is-sena jien hawn taħt sottofirmat kont aċċedejt fuq il-post u għamilt rapport tal-ħsarat kollha li kienu ġew osservati liema rapport huwa datat Il-Ħamis 28 t'April 2022 u jġib in-numru ME22032.*
>
> *L-istima tal-ħsarat hekk kif minni ġew identifikati, kif ukoll spejjeż oħra meħtieġa sabiex il-proprjetà tas-sinjuri Bellia terġa' tiġi ripristinata għall-istat oriġinali qed jiġi anness ma' dan id-dokument.*

Il-Qorti pero` tosserva illi l-istess Perit ma jidħol b'ebda mod dwar x'ikkawza tali ħsarat, u dan a differenza ta' dak li gie relatat fir-rapport tal-Perit Tekniku nominata mill-Qorti.

Illi filwaqt li l-Qorti tapprezza illi l-attur kien talab lill-konvenuta u lill-Perit tagħha sabiex isir *condition report* tal-fond tiegħu qabel bdew ix-xogħlijiet, dan ma sarx għaliex ma kienx hemm l-obbligu legali li dan isir. Pero` l-Qorti tħoss illi jekk l-attur verament ried jikkawtela l-pożizzjoni tiegħu seta' inkariga Perit tal-fiduċja tiegħu biex jagħmel l-istess rapport. Madanakollu minn dan kollu ma għamel xejn u kien biss fil-kors ta' dawn il-proċeduri li nkariga Perit biex jagħmillu stima tal-ħsarat allegatament sofferti.

Illi dwar il-konklużjonijiet ta' espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawża ***Joseph Calleja noe vs John Mifsud*** irriteniet li:

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta' fatt li kellhom bħala tali jiġu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setgħax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika".*

Dan l-insenjament huwa rilevanti u japplika għall-każ tal-lum. Għalkemm ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku kienet sfavorevoli għall-pretensjonijiet sħaħ tal-atturi, dawn għażlu li ma jressqux talba għall-ħatra ta' periti tekniċi addizzjonali u llimitaw rwieħhom li jeskutu lill-Perit Tekniku u jressqu sottomissjonijiet bil-miktub.

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-25 ta' Settembru 2003 fil-kawża ***Paul Grech et vs Lawrence Grech et***, dik il-Qorti rriteniet:

*"Bil-liġi u b'ħarsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit maħtur minnha kontra l-konvinċiment tagħha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit maħtur minn qorti u magħmula f'rapport imressaq minnu m'humiex sempliċement opinjonijiet iżda jikkostitwixxu prova ta' fatt, speċjalment f'oqsma fejn il-ħatra tkun dwar ħwejjeġ tekniċi. Fehmiet bħal dawk m'għandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet għall-ħatra ta' periti addizzjonali, tiġi mwarrba kif ġieb u laħaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfaċentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli. (ara wkoll – "**Bugeja et vs Muscat**" – Appell Kummerċjali – 23 ta' Ġunju 1967)."*

Ir-riġett minn qorti ta` l-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir b'mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha trid tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami.

Għalhekk il-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kinitx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` għandha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku.

Jiġi rilevat illi l-mertu tal-kawża tal-lum huwa prinċipalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet tekniċi, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali. In partikolari, sabiex ħejjiet ir-rapport tagħha, il-perit tekniku aċċediet fl-ambjenti għal darba, darbtejn fejn saru x-xogħlijiet mill-konvenuta u wkoll fil-fond tal-atturi. Il-perit tekniku fissret fid-dettall ir-raġunijiet li wassluha għall-konklużjonijiet tagħha. Din il-Qorti tqis raġonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku u l-konklużżjonijiet tagħha u fir-risposti li tat in eskussjoni.

Għaldaqstant, anke wara li tat il-konsiderazzjoni dovuta lis-sottomissjonijiet tal-atturi, din il-Qorti ma ssibx raġunijiet fondati għaliex għandha tiddiskosta ruħha mill-konklużjonijiet peritali.

Għalhekk il-Qorti tqis li dawk il-konklużjonijiet jimmeritaw li jkunu ben akkolti anke għaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 fil-kawża ***Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista noe*** – ikun prużuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss għax ma kellux il-mezzi għad-disposizzjoni tiegħu biex serenament jinoltra ruħu fl-aspetti tekniċi tal-mertu, imma wkoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtieġa biex, b'mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkun wasal għalih l-espert nominat minnu.

Illi għalhekk filwaqt li l-atturi ppruvaw li għandhom diversi ħsarat fil-fond tagħhom, ma ġabux prova li tissodisfa lil din il-

Qorti li l-ħsarat kollha jistgħu jiġu attribwiti lix-xogħlijiet li għamlet il-konvenuta. Il-Qorti tapprezza illi l-atturi talbu għal *condition report* da parti tal-konvenuta, pero` ladarba dan ma kienx tassattiv li jsir bil-leġislazzjoni kif kienet fis-seħħ fiż-żmien li l-konvenuta kienet se tibda l-proġett tagħha, allura l-atturi messhom inkarigaw Perit biex jagħmlilhom l-istess rapport sabiex f'każ li jsirulhom xi ħsarat jikkawtelaw il-pożizzjoni tagħhom. Fl-assenza ta' tali rapport, din il-Qorti trid timxi mal-provi prodotti quddiemha, fosthom ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku nominat minnha.

Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi għandha tillikwida ammont ta' danni li jirrifletti d-danni li ġew ippruvati fil-kors ta' din il-kawża. Illi dwar il-*quantum* il-Qorti tirrileva illi fir-rikors promutur l-atturi ressqu talba għal somma li ma taqbiżx l-għaxart elef ewro (€10,000). Illi permezz tal-Perit inkarigat minnhom, id-danni reklamati jammontaw għal erbgħa u għoxrin elf, mija u ħamsa u sebgħin ewro u disa' ċenteżmi (€24,175.09), pero` kif ġie rilevat iktar 'il fuq, din is-somma tkopri l-ħsarat kollha li hemm fil-fond, liema ħsarat ma ġewx ippruvati li kkawżathom fl-intier tagħhom il-konvenuta. In oltre jiġi osservat illi l-kompetenza ta' din il-Qorti hija ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000). Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tħoss li għandha tistrieħ fuq l-ammont ta' danni reklamat mill-Perit Tekniku, liema danni jammontaw għas-somma ta' erbat elef, mitejn u tnejn u tmenin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€4,282.21).

Illi jibqa' li jiġi deċiż il-kap tal-ispejjeż in vista ta' dak appena enunċjat.

Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummerċjali, tal-10 ta' Mejju 1957 fil-kawża fl-ismijiiet ***Mario Gentile -vs- Nutar Dr. Vincenzo Maria Pellegrini nomine***, fejn fiha ġie ritenut illi jekk jirriżulta illi l-attur "*kien ippretenda somma wisq superjuri minn dik effettivament mirbuħa, ma hux ġust li l-konvenut jiġi akkollat l-ispejjeż kollha tal-kawża. It-tassazzjoni ssir fuq l-ammont pretiż, u mhux sewwa li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas somma ta' spejjeż regolati fuq il-pretiża esaġerata ta' l-attur. U għalhekk, f'każ bħal dan, hemm lok għal temperament fil-kap ta' l-ispejjeż*".

Din l-istess sentenza ma naqsetx milli tirravviża wkoll illi *"fir-regolament ta' dan it-temperament, pero`, il-Qorti tħares mhux*

*biss lejn l-ammont li fih l-attur baqa' sokkombent, imma tqis ukoll fatturi oħra, bħal ma hu dak li l-konvenut ikun baqa' sokkombenti f' xi eċċezzjonijiet li jkun ssolleva, u dak li hu ma jkunx għamel ebda depożitu ta' ammont raġjonevoli, iżgħar minn dak pretiż, approssimativament kalkolat, b' riżerva li jintegra l-istess depożitu".*

Illi l-Qorti jirriżultalha illi l-konvenuta kienet lesta li tħallas ammont li skont hi kien jirrifletti l-ħsarat kaġonati minnha pero` ma kinitx lesta tħallas l-ammont kollu reklamat mill-atturi. In vista ta' dak li rriżulta quddiem din il-Qorti jirriżulta illi l-konvenuta kellha raġun ma tħallasx dak kollu reklamat mill-atturi.

**DECIDE**

**Għaldaqstant, il-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq indikati qiegħda tilqa' t-talba tal-atturi limitatament għas-somma ta' erbat elef, mitejn u tnejn u tmenin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€4,282.21) filwaqt li qed tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta. Bl-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza.**

**In vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet b'dana illi l-ispejjeż tar-rapport tal-Perit Tekniku Marie Louise Caruana Galea għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

____________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

__________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**